MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**ELLUL ANTHONY**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1594/2002

**Carmelo Mugliett**

**Vs**

**Emily Carachi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u tmenin lira Maltija (Lm480), hlas dovut ghal xoghol ta' manutenzjoni li sar fuq inkarigu tal-konvenuta fil-fond numru 33F, Triq l-Arcisqof Caruana, Zebbug.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas dehret ghas-seduti.

Semgha lill-attur jispjega l-fatti tal-kaz u li l-ammont pretiz ghadu dovut sal-lum.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' erbgha mija u tmenin lira Maltija (Lm480), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**